MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 778/2005

**Cutajar Limited (C-4975)**

**Vs**

**Computer Evolution Centre Limited**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf u tlieta u sebghin lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm1,073.59c) rapprezentanti merkanzija li s-socjeta' konvenuta kienet halset permezz ta' zewg cekkijiet li ma gewx onorati.

Bl-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba, tal-Mandat ta' Qbid numru 784/05JUA u bl-imghax legali mill-24 t'Ottubru 2004 data

ta’ l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-23 ta’ Mejju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------